MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Numru 918/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Malcolm Spiteri)**

**vs**

**Junior Troy Marvin Mc Lean ta' 22 sena, imwieled l-Ingilterra fit-3 ta' Mejju, 1983, iben Herbert u Evelyn nee Skinner u li joqghod Flat 6, Entrance 1, Triq l-Gharnuq, Fgura li ghandu karta ta' l-identita' bin-numru 21747 (A)**

**Vince Spalding ta' 16-il sena imwieled Pieta' fl-10 ta' Ottubru, 1988, iben il-mejjet Louis u Caroline Spalding u li joqghod 78, Serracino Inglott Street, Bormla, li ghandu karta tal-identita' bin-numru li mhux maghruf**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Junior Troy Marvin Mc Lean u Vince Spalding li gew akkuzati talli nhar il-Hadd 20 ta' Marzu 2005 ghal-habta tal-11.30 p.m. gewwa Nica Ltd. Service Station gewwa Triq Ghajn Dwieli, Rahal Gdid volontarjament hassru jew gharrqu jew ikkagunaw hsara lill-propjeta' privata, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal iktar minn hamsin lira Maltin (Lm 50) izda inqas min hames mitt lira Maltin (Lm 500) ghad-dannu ta' Mario Cassar minn Haz-Zabbar fuq magna awtomatika li taghti l-petrol u dana bi ksur ta' l-artikolu 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita tapplika wkoll l-artikolu 383 tal-Kapitlu 9.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputati ma kellhom ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-ammissjoni registrata fi zmien bikri ta' l-interrogatorju.

Issibhom hatja fuq ammissjoni wara li rat l-artikolu 325 tal-Kapitlu 9.

Rat il-fedina penali taghhom li hija ghal kollox netta.

Rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446 u tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn.

Spjegat lilhom is-sinifikat ta' ‚conditional discharge'.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------